

- huma nieqsa minn bażi legali, huma bbażati fuq żball manifest fl-applikazzjoni tal-Artikolu 266 TFUE u tar-Regolament (UE) Nru 2016/1036<sup>(2)</sup> u jiksru l-Artikolu 9(4) tar-Regolament (UE) Nru 2016/1036;
  - huma inkompatibbli mal-principi ta' protezzjoni ta' aspettattivi leġittimi, ċertezza legali u ta' nuqqas ta' retroattività sa fejn huma kkonċernati r-rikorrenti; u
  - huma bbażati fuq applikazzjoni żbaljata tal-Artikolu 266 TFUE u fuq abbuż tal-poter mill-Kummissjoni u jiksru l-Artikolu 5(4) TUE.
3. It-tielet motiv huwa bbażat fuq il-fatt li l-impożizzjoni retroattiva tad-dazju antidumping fuq il-fornituri tar-rikorrenti, li tipprevjeni r-imbors tar-rikorrenti, tikser il-principi ta' nondiskriminazzjoni.
4. Ir-raba' motiv huwa bbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni abbużat mill-poter tagħha fl-evalwazzjoni tal-ekonomija tas-suq u tal-ipproċessar individwali tat-talbiet tal-fornituri tar-rikorrenti sabiex timponi dazju antidumping retroattiv u kisret il-principi ta' nondiskriminazzjoni.
5. Il-ħames motiv huwa bbażat fuq il-fatt li l-evalwazzjoni mill-Kummissjoni fir-rigward tal-kumpanniji elenkti fl-Annessi III u VI tar-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2232 u li tordna ċ-ċaħda tat-talbiet għar-imbors tad-dazju antidumping li jikkonċernaw importazzjonijiet minn dawn il-kumpanniji hija bbażata fuq żball manifest ta' evalwazzjoni, applikazzjoni żbaljata tal-Artikolu 266 TFUE u tikser l-obbligu ta' diliġenza u ta' amministrazzjoni tajba.

<sup>(1)</sup> Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2232 tal-4 ta' Diċembru 2017 li jerġa' jipponi dazju antidumping definitiv u jiġibor b'mod definitiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ġertu żraben bil-parti ta' fuq tal-għida li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mill-Vjetnam u li huma prodotti minn ġerti prodduturi esportaturi fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u fil-Vjetnam u li jipplimenta s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawżi Magħquda C-659/13 u C-34/14 (ĠU 2017 L 319, p. 30)

<sup>(2)</sup> Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2016 L 176, p. 21)

### Rikors ippreżzentat fit-28 ta' Frar 2018 – Deichmann vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-131/18)

(2018/C 152/58)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

Rikorrenti: Deichmann SE (Essen, Germany) (rappreżentanti: S. De Knop, B. Natens, A. Willems u C. Zimmermann, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet

Ir-rikorrenti jitlobu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tiddikjara r-rikors ammissibbli;
- tannulla r-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2232, li jerġa' jipponi dazju antidumping definitiv u jiġibor b'mod definitiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ġertu żraben bil-parti ta' fuq tal-għida li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mill-Vjetnam u li huma prodotti minn ġerti prodduturi esportaturi fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u fil-Vjetnam u li jipplimenta s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawżi Magħquda C-659/13 u C-34/14 (ĠU 2017, L 319, p. 30); u
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

## Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka ġħumes motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li billi aġixxa mingħar jaġi għalli għall-eżekuzzjoni tas-sentenza fil-Kawżi magħquda C-659/13 u C-34/14, C&J Clark International, ir-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni 2017/2232 jikser il-prinċipju ta' attribuzzjoni sanċit fl-Artikolu 5(1) u (2) TUE u, f'kull każ, jikser il-prinċipju ta' bilanċ iċċiżi, sanċit fl-Artikolu 13(2) TUE.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li billi naqas milli jiġi l-miżuri neċċesarji għall-eżekuzzjoni tas-sentenza fil-Kawżi magħquda C-659/13 u C-34/14, C&J Clark International, ir-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni 2017/2232 jikser l-Artikolu 266 TFUE.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li billi jimponi dazju antidumping fuq importazzjonijiet ta' żraben "li saru matul il-perjodu ta' applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1472/2006 (2) u tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1294/2009 (3)", ir-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni 2017/2232 jikser l-Artikoli 1(1) u 10(1) tar-Regolament (UE) 2016/1036 (4), u l-prinċipju ta' ċertezza legali (nuqqas ta' retroattività).
4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li billi jimponi dazju antidumping mingħajr ma jagħmel evalwazzjoni ġdida tal-interess tal-Unjoni, ir-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni 2017/2232 jikser l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) Nru 2016/1036; f'kull każ, kien ikun manifestament żbaljat li jiġi deċiż li l-impożizzjoni tad-dazju antidumping kien fl-interess tal-Unjoni.
5. Il-ħumes motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li billi jadotta att li jmur lil hinn minn dak li huwa neċċesarju għall-ilħuq tal-għanijiet tiegħu, ir-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni 2017/2232 jikser l-Artikoli 5(1) u (4) TUE.

(1) Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2232, li jerġa' jimponi dazju antidumping definitiv u jiġib b'mod definitiv id-dazju provvistorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu żraben bil-parti ta' fuq tal-ġilda li jorġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mill-Vjetnam u li huma prodotti minn ġerti produtturi esportaturi fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u fil-Vjetnam u li jipplimenta s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawżi Magħquda C-659/13 u C-34/14 (ĠU 2017, L 319, p. 30).

(2) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1472/2006 tal- 5 ta' Ottubru 2006 jimponi dazju anti-dumping definitiv u li jiġib b'mod definitiv id-dazju provvistorju impost fuq l-importazzjoni ta' ċerti tipi ta' lbies għar-riġlejn bil-parti ta' fuq tal-ġilda li jorġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u l-Vjetnam (ĠU L 352M , 31.12.2008, p. 485-525 (MT))

(3) Regolament ta' Implantazzjoni (KE) Nru 1294/2009 tal-Kunsill tat-22 ta' Diċembru 2009 li jimponi dazju anti-dumping definitiv fuq importazzjonijiet ta' ċertu xedd tas-saqajn bil-parti ta' fuq tal-ġilda li ġej mill-Vjetnam u li jorġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, kif estiż għal importazzjonijiet ta' ċertu tipi ta' xedd tas-saqajn bil-parti ta' fuq tal-ġilda kkunsinnati mill-Makaw SAR, sew jekk dikjarati li jorġinaw fil-Makaw SAR sew jekk le, wara reviżjoni tal-iskadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 (ĠU 2009, L 352, p. 1)

(4) Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2016, L 176, p. 21).

## Rikors ippreżentat fit-28 ta' Frar 2018 – Roland vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-132/18)**

**(2018/C 152/59)**

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

## Partijiet

Rikorrenti: Roland (Essen, il-Ġermanja) (rappreżentanti: S. De Knop, A. Willems u C. Zimmermann, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

## Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti ġenerali jogħġobha:

— tiddikjara r-rikors ammissibbli;